MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2014

Talba Numru. 521/2014

**GO plc**
**C 22334**

**Vs**

**Winslow Agius**
**ID 135783M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 ta' Lulju, 2014 fejn is-socjeta' attrici talbet illi 'l-konvenut ghandu jhallas lis-Socjeta' attrici 's-somma ta' seba' mija u hmistax-il ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€715.27) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40148820 moghtija mis-socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2 - prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY3 - estratt mir-Registru Elettorali, u Dok IZY4 - kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjanti u ghalhekk kellha issir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Fil-mori tal-kawza l-konvenut hallas is-somma mitluba ta' seba' mija u hmistax-il ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€715.27), pero' naqa li jhallas l-ispejjez tal-kawza.

It-Tribunal ghalhekk jikkundanna lil konvenut ihallas l-ispejjez tal-kawza.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------